UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW



# DEĊIŻJONI TAL-KULLEĠĠ TAL-UFFIĊĊJU TAL-PROSEKUTUR PUBBLIKU EWROPEW (UPPE) TAT-30 TA' SETTEMBRU 2020

## DWAR L-ARRANĠAMENTI LINGWISTIĊI INTERNI

Il-Kulleġġ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE),

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE"), minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir- "Regolament dwar l-UPPE", u b'mod partikolari l-Artikolu 107(2) tiegħu,

B'kont meħud tal-proposta mfassla mill-Kap Prosekutur Ewropew,

Filwaqt li jikkunsidra l-ħtieġa urġenti li jintlaħaq qbil dwar l-arranġamenti lingwistiċi interni tal-UPPE,

Filwaqt li jżomm f'moħħu l-imperattiv li tiġi żgurata l-effettività tal-ħidma tal-UPPE, kif ukoll ġestjoni finanzjarja soda,

ADOTTA D-DEĊIŻJONI LI ĠEJJA:

### Artikolu 1

*Lingwi tal-UPPE*

1. Il-lingwa ta' ħidma għall-attivitajiet operazzjonali u amministrattivi tal-UPPE għandha tkun l-Ingliż.
2. Il-Franċiż għandu jintuża flimkien mal-Ingliż fir-relazzjonijiet mal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 2

*Id-dħul fis-seħħ*

Din id-deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha mill-Kulleġġ.

Magħmula fil-Lussemburgu fit-30 ta' Settembru 2020.

**Għall-Kulleġġ,**

**Laura Codruța KÖVESI**
**Kap Prosekutur Ewropew**